**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 15 ta' Jannar 2020**

**Talba numru 193/2019SFJ**

***Getra Limited (C9692)***
***vs.***
***Bernice Portelli (486493M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2019 li permezz tagħha s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet:

> "*Prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna li l-konvenuta tiġi ikkundannata tħallas lill-attriċi s-somma ta' tmien mija u tmintax-il Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€818.66) dovuti minnek lis-soċjetà attriċi rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' ħames mija u sbatax-il Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€517.28) ħlas lura b'mod proporzjonat tal-leave meħud minnek bil-quddiem matul l-aħħar xhur tal-impjieg tiegħek mas-soċjetà attriċi, liema leave kien jeċċedi l-perjodu li inti ħdimt qabel abbandunajt l-impjieg u in kwantu għas-somma ta' tlett mija u Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€301.38) rappreżentanti nofs il-paga ikkalkulata in relazzjoni mal-perjodu tan-notice li int ma ħdimtx qabel ma itterminajt l-istess impjieg.*"

Ra r-riferta pożittiva li tindika li l-konvenuta ġiet validament innotifikata bl-Avviż tat-Talba nhar l-24 ta' Ottubru 2019 (fol. 9 tal-proċess).

Ra li fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2019 xehdet l-konvenuta u fix-xhieda ġuramentata tagħha ikkonfermat li kienet debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont indikat u għar-raġunijiet premessi.

Ra li fl-istess udjenza, it-Tribunal ġie infurmat li kien qiegħed isir ftehim skritt bejn il-partijiet u ntalab differiment stante probabbli transazzjoni.

Ra l-ftehim skritt ippreżentat u mmarkat dokument "BF1" iffirmat mill-konvenuta kif ukoll minn rappreżentant tas-soċjetà attriċi.

Qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-15 ta' Jannar 2020.

Ikkunsidra li huwa evidenti għall-aħħar li l-konvenuta ammettiet it-talba *in toto* u ffirmat ftehim mas-soċjetà attriċi sabiex trodd l-ammont mitlub.

Ikkunsidra, għalhekk, li l-kontenut tal-Avviż tat-Talba ma ġie ikkontestat b'ebda mod mill-konvenuta u anzi, ġie msaħħah bix-xhieda tal-konvenuta stess.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' tmien mija u tmintax-il Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€818.66).

Billi ebda mgħax ma ġie mitlub mis-soċjetà attriċi, it-Tribunal huwa prekluż milli jipprovdi dwar imgħaxijiet.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**